# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 18 ta' Marzu 2018

Il-V Ħadd tar-Randan

Sena B

**Introduzzjoni**

Wasalna fil-Ħames Ħadd tar-Randan u l-liturġija tal-lum tkompli tistedinna sabiex nirrikorru dejjem għand il-Mulej.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Ġer 31, 31-34)

Fis-silta li ser nisimgħu Alla jrid ifarraġ u jnissel fil-poplu tama ta' ħelsien billi jwiegħed patt ġdid li kellu jkun ħafna akbar minn dak tas-Sinaj.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 50)

Oħloq fija qalb safja, o Alla.

**It-Tieni Qari** (Lhud 5, 7-9)

Kristu huwa l-awtur tas-salvazzjoni tal-bniedem.

Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Ġw 12, 20-33)

Ġesù juri lilu nnifsu bħala l-ħabba tal-qamħ li tmut biex tagħti ħafna frott.

Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien "Glorja u tifħir lilek, Kristu!".

**Offertorju**

Ejjew inroddu ħajr lil Alla għal dak li hu jagħtina kontinwament, b'mod speċjali l-imħabba kbira li HU għandu għalina.

Ejjew inressqu l-offerti tagħna f'riġlejn l-artal, filwaqt li nkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Il-Mulej hu l-għajn ta' kull tjieba. Ejjew f'dan il-mument nersqu biex induqu minn dan il-ħobż li jagħti l-ħajja.

Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.